MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 555/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Sabrina Bakoush K.I. 533591 (M) u**
**b'digriet tat-Tribunal tat-8 ta' April 2013 ġie ordnat korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tal-konvenuta għandu jkun 'Sabria' u mhux 'Sabrina'**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Awwissu 2012, li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elf, mija u disgħa u tmenin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1189.84), liema ammont huwa inkonnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru (*A/C40139642)* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, mija u disgħa u tmenin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1189.84), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Awwissu 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------